**169. L-Charles Mangion MP u l-Onor. Marie Louise Coleiro MP jipproponu:**

B'riferenza ghall-Avviz Legali Nru 533 ippubblikata fil-31 ta' Dicembru 2004 dwar Att ta' 1-2004 dwar 1-Eko-Kontribuzzjoni (Att Nru XII ta' 1-2004) - Regolamenti ta' 1-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' 1-2004 li jemendaw 1-Ewwel Skedu li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni (Emenda Nru 2)

L-Oppozizzjoni Laburista ssostni li dan l-avviz legali ghandu jigi annullat peress illi l-introduzzjoni ta' aktar eko-kontribuzzjoni fuq aktar prodotti essenzjali qed ihallu dawn il-konsegwenzi fost ohrajn:

- impatt ekonoiniku u socjali mill-aghar fuq il-Maltin u l-Ghawdxin, specjalment fuq il-familji, iz-zghazagh, 1-anzjani;
- impatt ekonomiku u finanzjarju mill-aghar fuq certi industrijalisti **f'**oqsma differenti tal-manifattura u negozju;
- ikomplu jghollu 1-hajja ghal familji u ghall-anzjani Maltin u Ghawdxin;
- jheddu certi mpjiegi tal-haddiema f'certi industriji;
- qed jinjora kompletament dak li gie stabbilit permezz tal-Pjani Nazzjonali dwar l-Impjiegi u dak dwar il-Faqar u 1-Eskluzzjoni Socjali, u r-Rapport li gie kkummissjonat mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja dwar il-Faqar fil-Familji Maltin.

L-Oppozizzjoni Laburista tkompli ssostni li l-Gvern mhux qieghed jindirizza 1-problemi ambjentali li ghandna bis-serjeta ghaliex mhux qed jahdem bi pjan u lanqas pemezz ta'qafas shih ta' mizuri li fuq naha wahda verament ikabbar il-kuxjenza favur l-ambjent u fuq in-naha l-ohra jimplimenta mizuri effettivi biex ihares l-ambjent fil-kumplessita' kollha tieghu.

Il-Gvern bil-mod li qed jahdem qieghed sempliciment jinqeda bl-iskuza ta' l-ainbjent u 1-harsien tieghu biex jigbor aktar taxxi minn fuq dahar kulhadd izda bl-aktar u bl-aghar impatt minn fuq dahar dawk tas-saffi t'isfel u dawk tal-klassi inedja.

Huwa ghaldaqstant li l-Oppozizzjoni Laburista tirriafferma 1-bzonn li l-Gvern iwarrab dan l-avviz legali biex ma jkompliex johnoq il-livell ta' l-ghixien u l-kwalita' tal-hajja tal-Maltin u l-Ghawdxin. Barra minn hekk l-Oppozizzjoni tinsisti li l-Gvern ghandu jfassal pjan komprensiv ghal konservazzjoni, harsien u tishih ambjentali **fuq** medda ragjonevoli ta' zmien biex jikkonserva, isahhah u jkabbar i1-kuxjenza nazzjonali favur l-ambjent.

19.01.05